*Ref*: 38/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 38

*L-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola l-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2018. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Seychell u Muscat talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw li huma ikunu skużati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr.37 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 2.2 il-Viċi Sindku irringrazzja lil kull min ħadem fuq l-installazzjoni tal-lampi tad-dawl fit-toroq madwar il-Ġnien Lorry Sant.

## 3. Korrispondenza

3.1. Talba mingħand is-Sur Isaac Fenech Adami sabiex il-Kunsill jirranġa il-bankina quddiem il-ħanut tiegħu skont stima ta' €800 li huwa ppreżenta. Il-membri qablu li l-bankina titranġa bil-metodu normali li juża il-Kunsill fejn il-bankina tkun ta' livell aċċettabbli u skond il-kumplament tal-bankina.

## 4. Stqarrijiet Finanzjarji

Għal din il-parti tal-laqgħa is-Sindku stieden lil accountant tal-Kunsill sabiex tippreżenta il-konklużjonijiet tal-estimi finanzjarji.

4.1. L-accountant tal-Kunsill ippreżentat sommarju tal-stqarrijiet finanzjarji lil membri fejn ġie elenkat li l-Kunsill għamel profitt ta' €191,000 wara li tnaqqas l-infieq tal-Kunsill. Dan għaldaqstant kompla saħħaħ il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u wassal sabiex flus fil-kontijiet laħqu €895,000. L-accountant tal-Kunsill kompliet billi qalgħet li l-assi tal-Kunsill żdiedu b'€83,000 li jinkludu il-bini mill-ġdid ta' triq Melita.

4.2. Il-membri irringrazzjaw lil accountant u l-istaff tal-Kunsill tax-xogħol li għamlu u qablu li japprovaw dawn l-stqarrijiet finanzjarji.

KUNSILL LOKALI PAOLA

5. **Tismija tat-toroq**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien hemm bżonn li tiġi sanzjonata triq il-Baċir u Triq Moll is-*Shiprights* fid-dawl li l-isem ta' dawn it-toroq ma kienux uffiċjali. Il-membri iddiskutew dan is-suġġett u qablu li jitressqu dawn il-proposti kif ġej:

5.1.1. Triq magħrufa bħala Triq il-Baċir tiġi sanzjonata Triq il-Baċir
5.1.2. Triq magħrufa bħala Triq il-Moll Tax-*Shipwrights* (*Shipwright Wharf*) tiġi sanzjonata bħala Triq il il-Moll Tax-*Shipwrights*
5.1.3. Parti ta' fuq ta' Triq il-Belt Valletta tiġi Vjal Kristu Re
5.1.4. Triq Kordin (il-parti li tmiss ma Telgħet Raħal Ġdid) tiġi Triq Dom Mintoff
5.1.5. Quddiem il-Knisja ta' Lourdes jissemma Misraħ il-Madonna ta' Lourdes
5.1.6. Pjazza fi Triq id-Dgħajjes tissemma Pjazza Santa Bernardetta ta' Soubirous

5.2. Il-membri iddiskutew ukoll il-possibbiltà li l-isem ta' Triq Telgħet Raħal Ġdid (parti ta' isfel) jirrifletti l-irvellijiet marbuta mal-strajk ġenerali tal-1958 fid-dawl li l-irvellijiet saru f'din il-parti tat-triq. Il-membri qablu li għanda issir riċerka qabel jiġi ssuġġerit isem għal din it-triq.

6. **Skema ta' parkeġġ għar-residenti**

6.1. Is-Sindku tkellem dwar il-problema tal-parkeġġ li hawn fil-lokalita fid-dawl tal-ħafna xogħol u kummerċ li qed ikun hawn fil-lokalita. Kompla li huwa iħoss li għanda terġa titressaq b'mod uffiċjali it-talba tal-Kunsill sabiex jinfetħu id-diskussjonijiet dwar skemi ta' parkeġġ għar-residenti jew inkella parkeġġ limitat bil-ħin.

6.2. Il-Kunsillier Bartolo qal li jagħmel iktar sens li fis-suq issir struttura li biha isir parkeġġ ta' tlett sulari fuq l-art. Is-Sindku irrisponda li ma tagħmel l-ebda sens li l-arja tal-appartamenti tingħalaq b'parkeġġ dan it-tip imma ilkoll naqblu li hemm problema li b'xi mod irridu naraw li din titrażżan xi ftit.

6.3. Il-Kunsillier Spiteri issuġġerixxa wkoll li għanda issir talba lil *Projects Malta* sabiex toħloq PPP li ssib post u jinħoloq xi tip ta' parkeġġ viċin il-lokalita.

6.4. Il-membri iddiskutew dan fid-dettall u qablu li titressaq b'mod uffiċjali lil Transport Malta it-talba tal-Kunsill sabiex tiġi introdotta skema ta' parkeġġ għar-residenti jew inkella parkeġġ limitat bil-ħin u magħhom tissemma il-possibilità li jiġi operat *park and ride* minn fejn iċ-ċimiterju tal-Addolorata.

6.5. Il-Kunsillier Lynch qal irridu inżommu f'moħħna jekk dawn l-iskemi humiex legalment konformi ma' dak li tippermetti il-Kummissjoni Ewropea.

## 7. Laqgħa tal-Lokalita u Laqgħa dwar il-Proġett tal-pjazza

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'laqgħa preċedenti il-membri tal-Kunsill talbu li issir laqgħa mar-residenti marbuta mal-proġett tal-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li huwa ressaq din il-proposta lil Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta u dawn aċċettaw li issir din il-laqgħa mar-residenit. Għaldaqstant il-membri qablu li għanda issir il-laqgħa tal-lokalita u magħha issir diskussjoni mar-residenti marbuta mal-proġett tal-Pjazza nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi komplew id-diskussjonijiet mal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta dwar il-pjazza fejn anke fl-aħħar laqgħa attenda il-Kunsillier Lynch.

8.2. Is-Sindku informa lil membri li ser issir ħarġa għall-Parlament miċ-ċentru anzjanità attiva tal-Kunsill.

8.3. Is-Sindku qal li dwar il-proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill tkompla ix-xogħol mal-Perit u qed nistennew mill-Awtorità tal-Ippjanar risposta dwar il-permess attwali tal-Ġnien tal-Paola Wolves. Kompla li jiddispjaċih però li l-Perit kien qed idum biex iwassal l-informazzjoni meħtieġa dwar l-istess proġett.

8.4. Is-Sindku qal li jemmen li ċertu toroq fil-lokalita tant għandom bżonn l-attenzjoni b'mod urġenti li jħoss li l-Kunsill ma jistax jistenna li dawn isiru mill-Agenzija tal-Gvern. Kompla billi qal li hemm bżonn jinġabru l-istimi ta' toroq bħal Triq il-Ġdida, Triq iċ-Ċimiterju u Triq Sammat sabiex il-Kunsill jibda diskussjonijiet mal-Aġenzija li ser tagħmel it-toroq biex naraw il-Kunsill jistax jibda ix-xogħol fuq tenders tagħhom jew inkella tinstab xi soluzzjoni biex dawn isiru mill-aktar fis. Il-membri qablu ma dan il-ħsieb.

8.5. Is-Sindku informa lil membri li qed jinħadmu wkoll stimi marbuta ma' bosta xogħolijiet marbuta mat-tender tal-patching u l-bankini kif ukoll dwar ix-xogħol meħtieġ fi Ġnien Lorry Sant.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Kunsillier Bartolo qal li hemm bżonn jiġu installati bollards fis-salib it-toroq ta' Triq Palma. Is-Sindku irrisponda li kien qed isir xogħol ma' Transport Malta sabiex tiġi riveduta l-akwata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jistax isiru bollards jekk dawn ma jkunux b'saħħithom biżżejjed bħal *crash bariers*. Is-Sindku qal li ser ikompli jagħmel il-pressjoni fuq Transport Malta.

## 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 38 għas-somma ta' €48,349.96.

## 11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 4 ta' April 2018.

| | |
|---|---|
| **APPROVATI** | **APPROVATI** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |